**KORRISPONDENZA KUNFIDENZJALI**

NATIONAL STATISTICS OFFICE • MALTA

# Kwestjonarju dwar l-Investiment fin-Negozju 2021

| | | |
|---|---|---|
| | L-isem tan-negozju: | |
| | Numru tal-bieb: | |
| | Indirizz: | |
| | Triq: | |
| | | |
| | Lokalita': | Kodiċi Postali: |

**Din is-sezzjoni għandha timtela biss jekk id-dettalji ta' fuq ix-xellug m'humiex korretti**

Għażiż Sinjur/Sinjura

Skont l-Att XXIV tal-Awtorita' tal-Istatistika ta' Malta, inti ġentilment mitlub timla' dan il-kwestjonarju dwar in-negozju msemmi għas-sena referenza **2021**. Inti mitlub li tagħmel dan mhux iktar tard mit-**28 ta' Frar 2023**. Tista' wkoll tibgħat kopja elettronika tal-kwestjonarju komplut permezz ta' imejl fuq business.nso@gov.mt. Id-definizzjonijiet biex jgħinuk timla Sezzjoni B u Ċ tal-kwestjonarju jinstabu fil-paġna li jmiss. Nħeġġuk li żżomm kopja tal-kwestjonarju komplut għall-interessi tiegħek. It-tagħrif li jingħata f'dan il-kwestjonarju jinżamm kunfidenzjali u jintuża biss għal skopijiet ta' statistika.

Grazzi bil-quddiem għall-koperazzjoni tiegħek.

| **Sezzjoni A: Attivita primarja** | |
|---|---|
| Imla biss jekk id-deskrizzjoni ta' l-attivita msemmija m'hijiex korretta | |

| **Sezzjoni B: Impjegati** | **Fuq bażi '*Full time*'** | **Fuq bażi '*Part time*'** |
|---|---|---|
| **1. Membri tal-familja li ma jingħatawx paga (inklużi s-sidien)** | | |
| **2. Numru ta' impjegati** | | |
| | | |
| **3. Numru ta' siegħat maħduma mill-impjegati msemmija f'numru 2** | | |

| **Sezzjoni Ċ: Investimenti** | **Żidiet €** | **Bejgħ €** |
|---|---|---|
| **1. Artijiet** | | |
| **2. Bini eżistenti** | | |
| **3. Bini ġdid jew tranġar ta' bini eżistenti** | | |
| **4. Makkinarju, inġenji jew vetturi** | | |
| **5. *Software* mixtri (mhux żviluppat mil-intrapriża)** | | |
| **6. Drittijiet ta' l-awtur, *Trademarks*, Konċessjonijiet u drittijiet simili** | | |
| **7. Produzzjoni Kapitalizzata** | | |

Dettalji tal-persuna li qed timla l-kwestjonarju:

| | |
|---|---|
| **Isem u Kunjom**: | **Data:** |
| **Telefown / Mobajl:** | **Imejl:** |

## Sezzjoni B

- **Membri tal-familja li ma jingħatawx paga / Numru ta' impjegati**

  Membri tal-familja li ma jingħatawx paga huma membri tal-familja li jgħinu lis-sid fit-tmexxija tan-negozju, mingħajr ma jingħataw paga u li jgħixu fl-istess indirizz residenzjali tas-sid. Eżempju: Mara li tgħin lil żewġha fit-tmexxija tal-ħanut tal-merċa mingħajr kuntratt tax-xogħol.

  In-numru ta' impjegati jirreferi għall-persuni li jaħdmu ġo negozju b'kuntratt tax-xogħol U li jitħallsu paga regolari kif miftiehem.

- **Numru ta' siegħat maħduma mill-impjegati**

  Siegħat maħduma minn impjegati taħt kuntratt tax-xogħol, esklużi siegħat maħduma mis-sid jew minn membri tal-familja li ma jingħatawx paga.

## Sezzjoni Ċ

- **Artijiet/ Bini eżistenti**

  Jekk l-art ġiet akkwistata ma' bini eżistenti u l-valur tat-tnejn ma jistax jiġi sseparat, l-ammont totali għandu jitniżżel taħt il-kategorija li tirrappreżenta l-għola valur mit-tnejn. Eżempju: Jekk il-valur ta' l-art kif stmat jaqbeż lil dak tal-bini eżistenti, il-valur ta' dan l-investiment għandu jitniżżel taħt "Artijiet". Kuntrarjament, jekk il-valur stmat tal-bini eżistenti jaqbeż lil dak ta' l-art, il-valur ta' dan l-investiment għandu jitniżżel taħt "Bini eżistenti".

- **Bini ġdid jew tranġar ta' bini eżistenti**

  Taħt "Bini ġdid" għandhom jitniżżlu żidiet ta' bini li għadu kemm tlesta mill-kostruzzjoni tiegħu. "Tranġar ta' bini eżistenti" jinkludi installazzjoni ta' sistemi t' arja kkundizzjonata, dawl, ilma, sħana ċentralizzata u installazzjonijiet oħrajn ta' natura permanenti.

- **Makkinarju, inġenji jew vetturi**

  F'din il-kategorija għandhom jitniżżlu żidiet ta' makkinarju, inġenji jew vetturi li jgħinu direttament fl-operat tan-negozju. Eżempji: Xiri ta' karozza jew vann biex ikun jista' jitqassam ix-xogħol lill-klijenti, xiri ta' magna li tqatta' l-laħam minn sid ta' ħanut tal-laħam, xiri ta' friżers għal ġo ħanut tal-merċa.

- ***Software* mixtri (mhux żviluppat mil-intrapriża)**

  F'din il-kategorija għandu jitniżżel xiri ta' *software* li ma ġiex żviluppat internament mill-intrapriża. L-intenzjoni ta' dan is-*software* għandha tkun biex tgħin b'mod dirett l-operat tan-negozju. Tiġdid ta' abbonimenti ta' liċenzji ta' *software* eżistenti ma jitniżżlux hawnhekk. Eżempju: Xiri ta' sistema ġdida biex jinżamm rendikont ta' stokk.

- **Drittijiet ta' l-awtur, *Trademarks*, Konċessjonijiet u drittijiet simili**

  Din il-kategorija tirreferi għal investimenti relatati ma' drittijiet legali biex jintuża prodott li ġie żviluppat minn xi persuna/ negozju ieħor.

- **Produzzjoni Kapitalizzata**

  Hawnhekk għandu jitniżżel investiment li sar fuq prodotti li ġew żviluppati internament min-negozju biex jintużaw mill-istess negozju. Eżempju: *Software* żviluppat min-negozju biex jinżamm u jintuża mill-istess negozju jew fabbrika li timmanifattura l-għamara, żviluppat għamara ta' uffiċju għall-użu ta' l-istess negozju.